**Ġieħ ir-Repubblika**

Waslet ir-Repubblika
U ingħata bosta ġieħ,
Lil ħadem, għamel isem
Dan kollu jagħmel sabiħ.

Imma ħija int taf bħali
Li ħafna ġid fil-moħbi,
Tant li meta tmut persuna
Jara d-dawl għax kien moħbi.

Imbagħad nitħaddtu w niftakru
Fuq kemm dik il-persuna,
Ġid għamlet għal dis-soċjetà
Minfejn kienet midfuna.

Għalhekk int sempliċi ħija
Oħti, ibqa' bil-wisq ħobb,
Għax dak li tista' tagħmel int
Quddiem Alla dak li jgħodd.

Ibqa' ħobb mingħajr fanfarri
Tbiegħed mill-Aħbarijiet,
Kun int b'ħajtek messaġġ ħelu
Li jagħmel l-għeġubijiet.

Għax iseħħlu iġib bis-skiet
Ħafna mħabba fejn hemm bżonn,
Fetaħ qalbu għall-imnikket
Fejn ħaddieħor wera l-ponn.

Ibqa' ħobb b'kelmtek, b'għemilek
Ibni t-tama bil-qajla,
U Alla li jista' kollox kollox
Iżejnek bil-midalja.

Tas-sliem u l-ferħ li int għandek
Fuq il-wardiet ta' wiċċek,
Mhux għalhekk li n-nies imweġġa'
Lilek bil-bosta tfixtek?

Ibqa' umli, kompli aħdem,
Ibqa' ingħata kuljum,
Ibqa' iżra' dik l-imħabba
Li taf tidħol fiż-żarbun.

Ta' min qed ibati ħafna
Għalih kun il-mużika,

Li tfarrġu u tagħtih tama
Dan Ġieħ ir-Repubblika.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta’ Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.